Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2156(DEC)

29.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Kwittanza 2024: Baġit ġenerali tal-UE – L-Aġenziji
(2025/2156(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2024 tal-Eurofound;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2024 tas-Cedefop;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2024 tal-ETF;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2024 tal-EU-OSHA;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2024 tal-ELA;

Kummenti ġenerali

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), u tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) għas-sena finanzjarja 2024 huma ġeneralment legali u regolari, u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2024 hija rappreżentata b'mod ġust;

2. Japprezza l-ħidma ta' kwalità għolja mwettqa mill-aġenziji li jaħdmu fil-qasam tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni u jisħaq fuq l-importanza, l-awtonomija u l-valur miżjud tal-ħames aġenziji fil-qasam tal-għarfien espert tagħhom; jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa u dejjem tikber fost il-ħames aġenziji u l-kollaborazzjoni aktar mill-qrib tagħhom ma' korpi oħra tal-UE, li jsaħħu l-koerenza u l-komplementarjetà filwaqt li jevitaw id-duplikazzjonijiet; jilqa' wkoll il-fatt li din il-kooperazzjoni saret aktar strutturata u rriżultat f'aktar inizjattivi konġunti; jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2024 ta' erba' aġenziji tal-UE – Eurofound, Cedefop, ETF u EU-OSHA – li turi kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Aġenziji, u livell ogħla ta' koerenza bejniethom; jilqa' l-pjan ta' azzjoni konġunt li jiddefinixxi l-azzjonijiet li l-erba' aġenziji se jieħdu flimkien biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu aħjar mill-għarfien espert u l-kapaċità analitika tal-aġenziji fir-rigward tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, u jisħaq li d-dipendenza fuq l-għarfien intern tagħhom iżżid il-koordinazzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni; jisħaq fuq il-potenzjal mhux użat fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni speċifika u rilevanti kif ukoll prodotti tal-istess kwalità bħall-konsulenti esterni, meta l-mandati tagħhom jippermettu dan;

4. Jinnota li l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-aġenziji jikkonċernaw nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u fil-ġestjoni baġitarja u li d-dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku jibqgħu l-akbar sors ta' pagamenti irregolari;

5. Jirrikonoxxi li l-konsegwenzi tar-rati ta' inflazzjoni eċċezzjonalment għoljin fl-2022 u fl-2023, flimkien maż-żieda fil-kostijiet tal-persunal, tal-utilitajiet u tas-servizzi, naqqsu b'mod sinifikanti s-sehem tal-finanzjament disponibbli għall-attivitajiet operattivi ewlenin fl-2024; jinnota li din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari għall-aġenziji b'mandati li qed jespandu, tirriskja li timmina l-kapaċità tagħhom li jwettqu b'mod effettiv il-missjonijiet tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-kontinwità tal-operat tal-aġenziji billi perjodikament tiġi rieżaminata l-adegwatezza tal-baġits operattivi tagħhom biex ikun żgurat li dawn huma ta' livell proporzjonat mal-kompiti tagħhom u li għandhom għadd suffiċjenti ta' persunal; jirrikonoxxi li l-flessibbiltà tal-aġenziji biex jadattaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu għenithom iwettqu l-mandati tagħhom minkejja t-tnaqqis fil-baġits operattivi; ifakkar li l-espansjoni tal-mandati trid tiġi appoġġjata simultanjament minn riżorsi finanzjarji adegwati;

6. Jisħaq fuq l-importanza tal-aġenziji kollha għall-impenn kontinwu tagħhom li jintegraw ir-responsabbiltà ambjentali fl-operazzjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom; jilqa' passi ulterjuri biex tiġi stabbilita sistema formali ta' ġestjoni ambjentali minn dawk l-aġenziji li għad ma għandhomx waħda;

7. Ifakkar li l-prinċipji orizzontali, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għandhom ikunu integrali għall-ibbaġitjar, l-operazzjonijiet, il-politiki u l-programmi tal-aġenziji: jilqa' l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward; jitlob li jiġi stabbilit ibbaġitjar komprensiv reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jiġu mmonitorjati u mkejla l-allokazzjonijiet baġitarji relatati mal-ġeneru;

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)

8. Japprezza l-ħidma kontinwa u ta' kwalità għolja tal-Fondazzjoni biex ittejjeb u xxerred l-għarfien u tipprovdi għarfien espert ibbażat fuq l-evidenza li jappoġġja l-iżvilupp ta' politiki soċjali, tal-impjiegi u tax-xogħol infurmati aħjar fl-Ewropa; japprezza ħafna l-għarfien espert tagħha dwar suġġetti rilevanti għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklużi d-Direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-carers, dwar pagi minimi adegwati, dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, u dwar it-trasparenza fil-pagi, kif ukoll il-Garanzija Ewropea għat-Tfal; jilqa' r-riċerka ewlenija tal-Eurofound f'oqsma rilevanti għall-politika, inkluża l-ħidma tagħha tal-2024 fuq l-akkomodazzjoni fl-Ewropa, li mhijiex affordabbli u li hija inadegwata, fuq il-pagi minimi adegwati, il-faqar, l-inugwaljanza fl-introjtu u l-klassi medja, in-nuqqas ta' ħaddiema u d-dimensjoni politika tal-koeżjoni soċjali fl-Ewropa; jilqa' l-involviment tal-Eurofound fil-kampanja tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex titqajjem kuxjenza dwar il-votazzjoni;

9. Jilqa' l-opinjoni pożittiva tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u jistieden

lill-Fondazzjoni tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;

10. Jenfasizza r-rata ta' riport ta' 15,1 % ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati, li tirrappreżenta problema kontinwa għalkemm kien hemm tnaqqis meta mqabbla mas-sena preċedenti, u jieħu nota tal-kjarifika tal-Fondazzjoni li tiddistingwi bejn riporti ppjanati u mhux ippjanati, fejn tal-ewwel huma marbuta a' proġetti pluriennali u ma joħolqux inċertezzi baġitarji; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas aktar ir-rati ta' riporti mhux ippjanati fis-snin li ġejjin;

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

11. Japprezza l-attivitajiet tal-Aġenzija biex tiżviluppa, tiġbor u tipprovdi informazzjoni, analiżijiet u għodod affidabbli u rilevanti biex jikber l-għarfien, titqajjem kuxjenza u tiġi skambjata informazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), attivitajiet li jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam; Japprezza l-informazzjoni u l-prattika tajba sabiex jiġu promossi postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri fl-Ewropa, b'mod partikolari l-ħidma tagħhom fis-settur tas-saħħa u tal-kura soċjali u r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol; ifakkar fl-importanza tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, li ma għandhomx jiġu pperikolati miż-żieda fl-inflazzjoni u fl-għoli tal-ħajja; jistieden lill-aġenziji kollha tal-UE jissodisfaw l-ogħla standards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jilqa' l-kisbiet tagħha tal-2024, inkluża l-pubblikazzjoni ta' ħarsiet ġenerali lejn is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali fir-rigward tal-mard kardjovaskulari u r-riskji psikosoċjali, il-progress fir-riċerka fis-settur tas-saħħa u tal-kura soċjali, u t-tlestija tal-ħidma fuq il-post għall-Istħarriġ Ewropew tal-Intraprizi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti u għodod ġodda tal-valutazzjoni tar-riskju interattiva online (OiRA);

12. Jilqa' l-prestazzjoni tal-Aġenzija fl-2024, li kisbet implimentazzjoni tal-baġit ta' 99 % u implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma ta' 93 %; jieħu nota tal-istrateġija l-ġdida adottata mill-EU-OSHA fi tmiem l-2024, li tiżgura l-kapaċità tas-servizzi tagħha li jirrispondu għal ħtiġijiet u sfidi ġodda fil-qasam; jissottolinja r-rwol importanti tal-Aġenzija fl-għoti ta' data lil servizzi oħra ta' riċerka, bħall-EPRS;

13. Jilqa' l-opinjoni pożittiva tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija u jistieden lill-Aġenzija tindirizza l-osservazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll;

14. Jinnota bi tħassib ir-rata għolja ta' riport ta' 22,6 %, li tjiebet meta mqabbla mas-sena preċedenti iżda għadha ferm ogħla mill-punt ta' riferiment ta' 15 %; ifakkar li rati ta' riport għoljin b'mod rikorrenti jimminaw il-prinċipju baġitarju tal-annwalità; jieħu nota tal-kjarifika tal-Aġenzija li tiddistingwi bejn riporti ppjanati u mhux ippjanati, fejn tal-ewwel huma marbuta ma' proġetti pluriennali u ma joħolqux inċertezzi baġitarji; jilqa' l-miżuri meħuda mill-EU-OSHA biex issaħħaħ il-proċess ta' ppjanar baġitarju tagħha u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas aktar ir-rati ta' riport mhux ippjanati fis-snin li ġejjin;

15. Jirrikonoxxi b'apprezzament il-progress li għamlet l-EU-OSHA biex tnaqqas il-pagamenti tard meta mqabbla mal-2023 permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta'

azzjoni;

Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)

16. Japprezza r-riċerka, l-analiżijiet u l-għarfien espert tekniku tas-Cedefop fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), tal-kwalifiki u tal-ħiliet; jilqa' l-kisbiet tiegħu tal-2024, inkluża l-espansjoni tal-portafoll tiegħu tal-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-appoġġ għall-inklużjoni, u l-analiżi tal-iżviluppi ewlenin tal-politika tal-VET fl-Istati Membri; jenfasizza b'mod partikolari l-ewwel stħarriġ dwar il-ħiliet tal-IA fl-UE kollha u t-tnedija tal-Indiċi tan-Nuqqas ta' Ħaddiema u Ħiliet (CLSSI) u l-Antiċipazzjoni fuq Terminu Qasir tax-Xejriet tal-Ħiliet (STAS);

17. Jilqa' l-opinjoni pożittiva tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija u jistieden lill-Aġenzija tindirizza l-osservazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikolari rigward iż-żieda fis-sehem ta' pagamenti tard meta mqabbla mal-2023;

18. Ifaħħar lis-Cedefop għar-rati eżemplari ta' approprjazzjonijiet ta' impenn (100 %) u ta' pagament (98,89 %) tiegħu, li juru b'suċċess li s-Cedefop għamel l-aħjar użu mir-riżorsi fdati lilu;

19. Iħeġġeġ lis-Cedefop jemenda minnufih ir-regoli interni tiegħu biex jiżgura li l-esperti nazzjonali sekondati Griegi li huma meħtieġa jirrilokaw f'Salonka jkunu eliġibbli għal allowances ta' sussistenza ta' kuljum, f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali;

Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)

20. Japprezza l-kontribut tal-ETF għat-tisħiħ tal-kapital uman fil-pajjiżi ġirien tal-UE, filwaqt li spiss topera f'kuntest ġeopolitiku diffiċli; jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tagħha biex issaħħaħ l-impjegabbiltà permezz ta' riformi fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fil-ħiliet, fit-tagħlim tul il-ħajja u fis-sistemi tas-suq tax-xogħol; japprezza l-enfasi tagħha fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-antiċipazzjoni, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet bħala kwistjonijiet orizzontali; jinnota li fl-2024 ħabat it-30 anniversarju tal-Fondazzjoni, li ċċelebrat tliet deċennji ta' għarfien espert u sħubija fil-promozzjoni ta' edukazzjoni inklużiva u effettiva u l-iżvilupp tal-ħiliet;

21. Jilqa' l-opinjoni pożittiva tal-QEA dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija u jistieden lill-ETF tindirizza l-osservazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikolari rigward iż-żieda fis-sehem ta' pagamenti tard meta mqabbla mal-2023;

22. Jinnota l-azzjonijiet korrettivi tal-ETF biex tindirizza l-irregolaritajiet identifikati fil-proċeduri ta' akkwist miftuħa mill-eżerċizzji tal-awditjar tas-snin preċedenti;

23. Jissottolinja l-progress li għamlet l-ETF biex ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri, progress li wassal biex in-nisa issa jirrappreżentaw 57 % tal-maniġers, u jirrikonoxxi l-isforzi biex jissaħħaħ il-bilanċ ġeografiku;

Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)

24. Japprezza l-ħidma tal-Awtorità biex tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw infurzar ġust u effettiv tar-regoli tal-Unjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, inkluż billi appoġġjat 117-il spezzjoni konġunta miftiehma fl-2024, fl-iffaċilitar tal-mobbiltà effettiva tal-forza tax-xogħol fl-Ewropa permezz tal-attivitajiet tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), u biex titqajjem kuxjenza, permezz ta' kampanji ta' taħriġ u ta' informazzjoni, b'mod partikolari #FairHORECAinEU u #Road2FairTransport, dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema u tal-impjegaturi fis-settur tal-mobbiltà, u b'hekk ikun aktar faċli għaċ-ċittadini u għan-negozji li jibbenefikaw mis-suq intern; jilqa' l-fatt li, fl-2024, l-Awtorità bdiet l-ewwel sena tagħha b'kapaċità operattiva sħiħa, u dan ippermetta lill-Awtorità timplimenta bis-sħiħ il-mandat tagħha fl-oqsma kollha ta' attività;

25. Ifaħħar lill-Aġenzija talli wettqet 95 % tal-pjan ta' ħidma annwali tagħha, filwaqt li żiedet b'mod konsiderevoli l-attivitajiet tagħha mis-sena preċedenti, inkluża żieda ta' 54 % fi spezzjonijiet miftiehma u konġunti; jappella għal aktar appoġġ lill-ELA, inklużi riżorsi finanzjarji, biex jiġi żgurat il-valur miżjud tagħha għall-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar, u biex tkun tista' tiftaħ u twettaq inkjesti ta' każijiet transfruntiera fuq inizjattiva tagħha stess;

26. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-opinjoni pożittiva ġenerali tal-QEA dwar il-kontijiet tal-Awtorità; jinnota, madankollu, li l-QEA ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, kif għamlet fl-2023;

27. Jieħu nota, f'dan il-kuntest, tal-kwalifika tal-QEA rigward il-pagamenti li jammontaw għal EUR 2,6 miljun li saru fl-2024, li jirrappreżentaw 5,7 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali u li jaqbżu l-livell limitu ta' materjalità; jirrimarka li dawn il-pagamenti kienu marbuta ma' kuntratt mogħti permezz ta' proċedura miftuħa li qabel kienet ivvalutata bħala irregolari fir-rapport tal-2022 (EUR 2,2 miljun), kif ukoll man-nuqqasijiet identifikati fil-kontrolli *ex ante* relatati mal-implimentazzjoni tal-kuntratti (EUR 0,4 miljun);

28. Jirrikonoxxi l-progress li nkiseb fit-tnaqqis tal-għadd ta' persunal temporanju (esperti nazzjonali sekondati u ħaddiema interim) mill-2022, meta dawn kienu jirrappreżentaw 58 % tal-forza tax-xogħol; jiddispjaċih, madankollu, li l-proporzjon tagħhom baqa' f'livell għoli ta' 47 % kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024; iħeġġeġ lill-ELA u lill-Kummissjoni jkomplu jżidu s-sehem ta' persunal permanenti billi joħolqu l-possibbiltà li l-esperti nazzjonali sekondati jiġu kkonvertiti f'postijiet ta' persunal temporanju;

29. Jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2024, l-Awtorità naqqset ir-rata ta' riport tagħha għal 15 %, nuqqas li jirrifletti titjib fl-implimentazzjoni baġitarja u fl-ippjanar finanzjarju; jieħu nota ta' ċerti nuqqasijiet fil-ġestjoni baġitarja, bħall-imgħax ta' inadempjenza fuq 11,8 % tat-talbiet għall-pagament u r-reġistrazzjoni ħażina ta' emenda baġitarja ta' EUR 266 861;

Konklużjoni

30. Jitlob lill-Aġenziji u lill-Kummissjoni jimplimentaw mill-aktar fis possibbli r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha tal-QEA;

31. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Diretturi Eżekuttivi tal-Eurofound, tal-EU-OSHA, tas-CEDEFOP, tal-ETF, u tal-ELA fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtoritajiet għas-sena finanzjarja 2024.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta'interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Agency for Safety and Health at Work
European Training Foundation
European Labour Authority
European Centre for the Development of Vocational Training
European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	28.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 6 0: 5

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
NI	Branislav Ondruš
PPE	Pascal Arimont, Andrzej Buła, David Casa, Henrik Dahl, Gheorghe Falcă, Sérgio Humberto, Martine Kemp, Miriam Lexmann, Jagna Marczułajtis-Walczak, Eleonora Meleti, Giusi Princi, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc
Renew	Hristo Petrov, Jana Toom, Brigitte van den Berg
S&D	Francisco Assis, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Vivien Costanzo, Johan Danielsson, Marit Maij, Aodhán Ó Ríordáin, Evelyn Regner, Rosa Serrano Sierra, Raffaele Topo
The Left	Li Andersson, Konstantinos Arvanitis, Per Clausen, Kathleen Funchion, João Oliveira
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Maria Ohisalo

6	-
ESN	Christine Anderson, Petar Volgin
PfE	Jaroslav Knot, Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

5	0
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni